MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 387/2010

**Avantgarde Holdings Limited – C27163**

**vs**

**Kurt Mifsud Bonnici ID 540076 M u**
**Martu Joelle Mifsud Bonnici ID 8479 G**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li s-socjeta' attrici qed titlob hlas ta elfejn, tmien mija u hamsa u sitting Ewro dsatax-il Ewro (€2,865.19) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' xoghol u materjal, liema xoghol gie ezegwit fuq struzzjonijiet ta' l-istess konvenuti u liema materjal gie mibjugh lill-konvenuti u kkonsenjat lilhom fuq istruzzjonijiet taghhom stess.

Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra ufficjali relattiva

kontra l-konvenuti li huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

**Ra** li l-fond in kwistjoni hu *terraced house* 50 Triq Nofs-in-Nhar, Ibragg – dar ta' abitazzjoni ghall-koppja Mifsud Bonnici li kellha pjanat tizzewweg wara t-tlestija tax-xoghol.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

L-ebda ammont ma hu dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici stante li x-gholijiet u materjal mibjugh mis-socjeta' attrici mhumiex kif pattwit u ma giex ikkonsenjat kollu kif ukoll stante li l-istess materjal kien difettuz, bhalma wkoll kien difettuz ix-xoghol li sar mis-socjeta' attrici fil-fond tal-konvenuti.

Inoltre l-materjal u x-xogholijiet miftiehma bejn i-partijiet ma sarx kollu u l-konvenuti kellhom jaghmlu spejjez ohra sabiex ikunu jistghu juzaw il-fond residenza taghhom

Inoltre l-konvenuti inkorrew spejjez addizzjonali sakemm il-fond residenza taghhom kien fi stat li jista jintuza.

**Ra** li fil-<u>kontro-talba</u> tieghu il-konvenut qed semplicement jitlob *quantum* ta' €1,500.00c

**Ra** r-<u>RISPOSTA</u> ghall-kontro-talba mfissra hekk:-

It-talbiex rikonvenzjonanati tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dana peress illi:

1. Il-materjal kollu li qed jintalab il-hlas ghalih fl-avviz tat-talba promotura ta' din il-kawza gie konsenjat lill-konvenut rikonvenzjonanti u kien skond kif pattwit kemm fil-kwantita' kif ukoll fil-kwalita'

2. Ix-xoghol li qed jintalab il-hlas ghalih fl-avviz tat-talba promotura ta' din il-kawza gie mwettaq a beneficju tal-konvenuti rikonvenzjonanati fl-interita' tieghu u kien kemm skond kif mitlub kif ukoll skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenzjonanati li huma ingjunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

**PROVI**

**1.** **Joseph Vella,** *managing director* qal li saru kuntatti bejn il-kontendenti dwar madum u oggetti sanitarji u l-istallazzjoni tal-istess, liema xoghol kellu jsir sa Dicembru 2007. Dan il-pjan gie nterrott billi kellu jsir xoghol minn terzi mqabbdin mill-konvenut izda kien hemm problemi dwar drenagg u xoghol tal-art tal-kcina u dan waqqa lura lis-socjeta' attrici.

**2.** Bejn Novembru u Dicembru ndunaw li, bi zball taghhom, kien hemm nuqqas ta' madum ghal *bathroom* u *main bathroom* billi l-persuna nkarigata minnhom biex tkejjel ma kejjlitx kollox. Huma ssuggerew li jintuza maduma simili hafna izda l-klijenti m'accettawx u saret ordni ohra. Sadattant ix-xoghol mis-socjeta' attrici ma setax jissokta ghax kien hemm l-intopp li ssemma. Ix-xoghol tlesta u f'Settembru 2008 l-konvenut baghat email fejn qal li kien kuntent bix-xoghol. Gew skambjati l-emails Dok JV4 *a fol* 25 *et seq* skambjati bejn il-kontendenti (Nota tat-TRIBUNAL: ara *"they are now of an acceptable standard" – a fol* 28*).*

**3.** It-tqeghid tal-htiega tax-*shower* il-kontendenti qablu li dan isir fl-ahhar billi dan kien hgieg delikat li jinkiser bl-icken daqqa. Meta baghtu l-kont Dok JV1 (*a fol* 21) il-klijent ma qabilx. Gie esebit il-kuntratt tas-*supply* (Dok JV2 *a fol* 19) il-kont tal-*extra tiles* (Dok JV3) Dok JV5 u 6 *invoice extra works*. Dan tal-ahhar juri l-*balance due* fl-ammont ta' €2865.19 li hu il-*quantum,* mitlub fl-AVVIZ. Dok JV 7 hu *invoice* ta' *extra work* ukoll dwar qlugh ta' bieb u *partition* u xoghol iehor.

4. Ix-xhud qal li hu sata jirrifjuta li jaghmel xoghol mhux inkluz fil-kuntratt, imma darba ghamlu jrid jithallas tieghu.

5. Meta raga xehed ikkonferma li t-*talba* hi skond il-prospett Dok JV 5. Il-hgiega li ssemmiet mhiex inluza u jippretendi hlas ta' dak li effettivament sar.

B1. **Matthias Vella** iben id-Direttur Joseph Vella u mpjegat mas-socjeta' attrici qal li hu kien jiehu u jidbor lill-haddiema minn fuq il-lant. Il-konvenut gieli gibidlu l-attenzjoni ghal xi dettal zghir "imma lment per ser qatt ma ghamilli". Ra x-xoghol waqt li qed isir u, lest. Ikkonferma li l-oggetti msemmija fid-Dok JV1 twasslu kollha fuq il-post. Ghad fadal ghandhom il-htiega tad-docca li jikkonsenjawha meta jithallsu.

2. In kontro-ezami qal li meta kien hemm zball dwar il-madum, gabulhom dak ordnat originarjament. Tardjar ma kienx tort taghhom, anqas meta htiegilhom jibdlu l-madum ghax kien hemm xoghol iehor ghaddej.

C1. Il-**konvenut** u x-xhud tieghu xehdu b'affidavit (*a fol* 47 u 50 rispettivament). Il-konvenut qal li x-xoghol kellu jsir bejn it-13.08.2007 u l-21.12.2007. L-ordni ta' madum ecc giet maghmula fl-10.07.2007. B'cekk datat 03.08.2007 thallas depozitu ta' 20% fl-ammont ta' LM1682. B'cekk tat-13.12.2007 hallsu 30% tal-bilanc LM1862.77.

2. Fis-7.02.2008 tlesta t-twahhil tal-madum. Xi whud riedu jinbidlu. Billi s-socjeta attrici ordnat madum inqas milli suppost, saret ordni ohra li kellha tasal fil-fond sa nofs Marzu 2008. Fis-07.02.2008 hallsu LM823 ta' tqeghid ta' madum. Sat-3.09.2008 ix-xoghol kien ghadu ma tlestiex minhabba ragunijiet imputabbli lis-socjeta' attrici (kif spjegat fl-affidavit) u Joseph Vella ha x-xoghol f'idejh.

3. Ix-xhud qal li qabbad nies hu biex ilestu x-xoghol. Hu nkorra spejjes zejda ta' tiswija fl-ammont ta' €1050 u meta zzewwgu kellu joqghod ghand in-nies, bi spiza ta' €456 qabel sata jidhol f'daru. Permezz ta' email datata 17.09.2008 Joseph Vella ried flus ta' xoghol *extra* u madum zejjed izda l-konvenut wiegbu li kellu jtih biss €1342 skond il-kuntratt li kienu ffirmaw.

D1 **Anthony Mifsud Bonnici**, missier il-konvenut, qal fl-affidavit tieghu li hu dahal fil-kwistjoni ghax ibnu talbu jintervjeni biex tinstab soluzzjoni fil-kwistjoni bejn il-kontendenti. Minkejja li pprova jiltaqa ma Joseph Vella, kien dejjem jigi t-tifel. Ma dan kien irranga biex isiru xi tiswijiet izda dak li kellu jsir ma sarx kollu. Kellu jitqabbad haddiem iehor biex jitlesta x-xoghol, stante l-qrubija ta' jum it-tieg tal-konvenut.

2. Ix-xhud ta' xi dettalji dwar hsara u qal li ibnu dahal fi spejjes zejda sew biex irrangaw xoghol hazin kif ukoll biex krew post sa ma tlestew ix-xogholijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL iqis hekk:-

1. Min iqabbad lil haddiehor biex dan jaghmel xi xogholijiet u jipprovdi materjal/oggetti ghandu dritt li kollox isir sewwa, kif miftiehem u dana bhala korrispettiv ghall-flus li jhallas. Ghandu wkoll jigi rispettat iz-zmien miftiehem biex jitlesta x-xoghol.

2. Fil-kaz taht ezami rrizulta, mill-affidavit tal-konvenut (minghajr ma Joseph Vella ghas-socjeta' attrici kkontradixxa xejn) li x-xoghol kellu jibda fit-13 ta' Awwissu 2007 u kollox jitlesta sal-21 ta' Dicembru 2007. Il-konvenut izzewweg fil-bidu ta' Gunju 2008 u l-hsieb kien li l-mizzewwgin godda jmorru f'dahom izda dan ma setax isir ghax ix-xoghol ma kienx lest.

3. Il-konvent fil-kontro-talba semma *quantum* ta' €1500 u meta xehed iddettalja pretensjoni ta' €1050 ghal spejjez zejda li nkorra u €456 ghal spejjez biex "noqghod ghand in-nies" – mela €1506 b'kollox.

4. Jigi osservat li dwar dan il-*quantum* ghandna ricevuti (Dok KMB1,2 u 4) b'gustifikazzjoni.

5. Minn naha tas-socjeta' attrici fl-email tal-konvenut tas-7 ta' Settembru 2008 gie ndikat, *expressis verbis*, li l-

konvenut spezzjona x-xogholijiet u “they are now of an acceptable standard”. Il-konvenut kompla enfasizza dan meta qal illi kieku ntbaghtu mill-ewwel haddiema tajba biex iqieghdu l-madum “none of the hassle would have happened”

6. It-TRIBUNAL hu soddisfatt li kien hemm dewmien attribwibbli fil-parti kbira, jekk mhux esklussivament, lis-socjeta’ attrici. Dan jiggustifika t-talba tal-konvenut ghar-rimbors ta’ LM456 dwar kirja temporanja. It-TRIBUNAL ihossu konvint li xi spejjes ohra il-konvenut inkorra wkoll, anke meta jqis dan fil-kontest tal-email tal-kovneut imsemija fil-paragrafu precedenti. F’dan ir-rigwrd, gwidat minn sens ta’ ekwita’ kif trid statutorjament il-ligi, qed jigi fissat *quantum* ta’ LM544 biex ikollna sommma arrotandanta ta’ €1,000

7. Da parti tas-socjeta’ attrici, it-TRIBUNAL ihoss li l-*quantum* mitlub gie spjegat bizzejjed minn Joseph Vella, munit bid-dokumenti esibiti – dana dejjem mehud kont ta’ dak deciz dwar il-kontro-talba.

**DECIZJONI**

IT-TRIBUNAL

Meqjus dak kollu msemmi **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** l-kontro-talba fl-ammont ta’ €1000 u jichadha dwar il-bqija (2) **jilqa** t-talba attrici fl-ammont mitlub ta’ €2865.19 u allura (3) **jichad** l-eccezzjonijiet ghat-talba, (4) fil-kaz tal-kontro-talba **jichad** l-eccezzjonijiet in kwantu inkompatibbli ma dak deciz ga hawnhekk (5) **jordna** li jkun hemm tpacija bejn iz-zewg ammonti msemmija b’dana li (6) il-konvenut qed jigi kundannat ihallas lis-socjeta’ attrici *quantum* ta €1865.19 u dana (7) fi zmien ta tletin jum mil-lum u fin-nuqqas jibda ghaddej l-imghax mill-wiehed u tletin jum sal-jum tal-pagament effettiv u (8) bl-ispejjes, fic-cirkostanzi, tat-talba u l-kontro-talba jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------